

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tallega li d-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2001, u l-Artikolu 5(3) tagħha, ġew implementati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/641/KE, tal-5 ta' Settembru 2003, dwar l-użu ta' ritratti bil-kulur u u stampi oħra bħala twissijiet dwar is-saħħa fuq pakketti tat-tabakk. Sussegwentement ġiet adottata d-Deċiżjoni C (2005) 1452, tas-26 ta' Mejju 2005, dwar il-librerija ta' dokumenti sors magħżula, li jinkludi r-ritratti għal kull waħda mit-twissijiet addizzjonali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2001/37/KE, li ġiet sussegwentement modifikata bid-Deċiżjoni C (2006) 1502, tat-13 ta' April 2006/

L-imsemmija direttiva u d-deċiżjonijiet bl-immaġni li kellhom jiġu inklużi fil-pakketti ta' tabakk ġew inkorporati fid-drittijiet ta' kull wieħed mill-Istati Membri. Konkretament, fi Spanja, ġew inkorporati permezz tad-Digriet Irjali 639/2010, tal-14 ta' Mejju. L-Istat Spanjol, mill-42 immaġni proposti mill-Kummissjoni Ewropea, għażel 14, u fosthom kien hemm dik ta' Patrick Jacquemyn.

Ir-rikorrenti tkompli ssostni li P. Jacquemyn kien l-isptar ta' Barcelona mill-21 ta' Ġunju sas-16 ta' Awwissu 2002, fejn għamel 22 ġurnata f'koma. Sa minn dak iż-żmien deher diversi immaġni ta' P. Jacquemyn fuq l-internet, peress li kien każ kliniku ta' bronko-pnewmopatija kronika ostruttiva [chronic obstructive pulmonary disease (COPD)], kien soffra intubazzjoni diffiċli u traketomija, li kien każ ta' studju, mingħajr ma kien ta l-kunsens tiegħu għax-xandir tal-immaġni.

Kien permezz ta' dan l-użu mingħajr kunsens tal-immaġni tiegħu matul il-koma li waħda mill-immaġni tiegħu ddaħlet fil-librerija ta' immaġni tat-twissijiet sanitarji, wara li r-ritratt ġie proċessat mill-kumpannija ta' pubbliċità li kienet tqabbdet għall-kampanja.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2014 – USFSPEI u Loescher vs Il-Kunsill

(Kawża T-119/12) ⁽¹⁾ 1

(2014/C 135/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ 1 ĠU C 165, 09.06.2012.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Frar 2014 – Bimbo vs UASI (FIBRA PROTEÍNAS NUTRIENTES)

(Kawża T-600/13) ⁽¹⁾ 1

(2014/C 135/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ 1 ĠU C 31, 01.02.2014.
